# Primary HealthCare

# Rapport Annwali

# 2020

## INTRODUZZJONI

Bħas-snin ta' qabel, fl-2020 il-Primary HealthCare (PHC) rnexxielha tikseb avvanzi konsiderevoli meta wieħed jikkunsidra l-isfidi ġodda kollha li kellha tħabbat wiċċha magħhom minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Il-PHC kellha ddawwar it-tmun u tiffoka fuq prijoritajiet ta'saħħa f'dak li għandu x'jaqsam mal-pandemija sabiex tħares is-siġurta` w is-saħħa tal-pazjent u l-impjegat. Madankollu l-PHC kompliet ittejjeb l-ekwità, l-effiċjenza, l-effettività, ir-rispons u l-kwalita` tas-sistemi tas-saħħa fil-qasam tal-kura primarja.

**(1)** F'Jannar bdejna sensiela ta' taħriġ għal professjonisti kif jagħmlu lis-*screening* tal-COVID-19 u kif jieħdu ħsieb lilhom infushom u lil sħabhom kontra dan il-virus. Dan sar mill-*Infection Control Unit* tal-PHC permezz ta' *lectures* u taħriġ *'hands on'*.

**(2)** F'Jannar wkoll kellu jsir tibdil konsiderevoli kemm fil-kostruzzjoni tal-kliniċi kif ukoll kif jitmexxa l-proċess biex jiġu invistati l-pazjenti ħalli ma tkomplix tinxtered il-marda tal-COVID-19. Fost dawn kien hemm-

- Inħolqu *screening points* ħdejn id-dħul ta' kull ċentru tas-saħħa biex jiġu separati nies potenzjalment morda bill-COVID-19 minn dawk li mhumiex.
- Ittellgħu tined (*canopies*) protettivi kontra x-xemx u xita biex inħarsu lill-pazjenti waqt li qed jistennew barra.
- Fejn stajna, tajna ċ-ċans biex ħaddiema b'xogħol amministrattiv u klerikali jaħdmu mid-dar sabiex innaqsu t-tixrid tal-mard u nipproteġuhom.

**(3)** F'Marzu beda x-xogħol fuq il-klinika l-ġdida fil-komunita` ta' Marsaxlokk (berġa). Huwa proġettat li din il-klinika komunitarja tibda topera għall-aħħar ta' Marzu 2021.

**(4)** F'Marzu tlesta l-ewwel *Swabbing Centre* f'Malta ġewwa Ħal-Luqa permezz tal-ħaddiema tal-PHC li ħadmu lejn u nhar biex infetaħ fi żmien rekord ta' 24 siegħa.

**(5)** F'April ftaħna l-ewwel *Telemedicine Client Support Centre* f'Malta. Dan beda jilħaq il-morda kollha fi djarhom stess permezz ta' tobba u professjonisti. Dan serva wkoll sabiex jiġu segwiti pazjenti morda bil-COVID-19 u biex titnaqqas il-pressjoni żejda fuq iċ-ċentri tas-saħħa. Dan il-post tax-xogħol ġdid sewa biex il-profesjonisti li ma setgħux ikunu f'kuntatt wiċċ' imbwiċċ ma' pazjenti morda, minħabba li huma aktar ta' riskju għal saħħithom minn ħaddieħor, xorta setgħu jaħdmu fl-area professjonali tagħhom flok baqgħu d-dar.

**(6)** F'Mejju beda x-xogħol fuq il-proġett maġġur ta' tisbiħ u mmodernizzar taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira. Il-proġett jinvolvi t-tisbieħ tal-binja, l-installazzjoni ta' *lift* biex jiffaċilita` l-aċċessibilita`, l-installazzjoni ta' magna tal-*X-Rays* moderna kif ukoll preparazzjonijiet strutturali għal provediment ta' servizzi ġodda. Sadanittant infetħet klinika temporanja fil-Gżira stess biex tagħti servizzi bażiċi liċ-ċittadin.

(7) F'Settembru lestejna u ġiet inawgurata l-klinka l-ġdida fil-komunita` ġewwa l-Fgura b'apparat u għamara moderna kif jixraq liċ-ċittadin tal-lokal.

(8) F'Ottubru nedejna l-aktar kampanja ta' suċċess li qatt kellna bit-tilqima staġjonali kontra l-Influwenza. Fl-ewwel ġimgħa tlaqqmu mal-100,000 persuna. Dan il-programm ta' tilqim kompla matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru. Dan sejjer jissarraf f'anqas mard ta' l-influwenza biex intaffu l-impatt tal-COVID-19 fil-jiem xitwin.

(9) F'Novembru ftaħna Klinka ġdida fil-Komunita` ta' Ħal-Għaxaq wara li mmodernizzajniha u żidna numru ta' servizzi ġodda.

(10) F'Novembru wkoll il-PHC inagħtat l-eBusiness Award għall-'Aħjar użu Tat-Teknoloġija fit-Trafsormazzajoni tal-*Business*' bl-introduzjoni ta' l-Electronic Patient Record (EPR).

(11) F'Diċembru nedejna t-tilqima kontra l-Covid-19 lill-impjegati tal-PHC l-aktar vulnerabbli.

(12) F'Dicembru wkoll iċċentralizzajna u amalgamajna it-*Telemedicine* u l-*Call Centres* f'wieħed ġewwa il-Mosta Technopark sabiex ikun milħuq aktar faċilment mill-ħaddiema b'anqas spalpaljar ta' riżorsi u b'aktar effiċjenza u kumdita` filwaqt li mmodernizzajna l-ambjent u l-infrastruttura. Dan irnexxielna nagħmluh fi ftit ġranet sabiex inlaħħqu mal-esiġenzi li ġabet il-pandemija tal-COVID-19. Ġiet introdott ukoll il-COVID-19 Vaccine Helpline, in-Numru 145 fejn l-impjegati fil-*Client Support Centre* qed jirċievu telefonati u jagħtu sapport relatat mat-tilqima tal-COVID-19 kif ukoll l-appuntamenti għat-tilqima fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

Il-PHC kompliet tinvesti fl-infrastruttura, f'apparat u f'bini modern u taħriġ lill-impjegati kollha sabiex ittejjeb l-aċċessibilta`, il-kura u l-kwalita` tas-servizzi tagħha. Għaldaqstant ix-xogħlijiet ta` tiġdid fiċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Kliniċi fil-Komunita` komplew matul is-sena sabiex jiżdiedu s-servizzi ta' kwalita` lill-poplu Malti.

(13) Il-Hub *Vincent Moran* fin-Naħa t'isfel ta' Malta - Sal-aħħar tas-sena 2020, l-iskavar kollu neċessarju tlesta u beda l-proċess biex jiġu anallizzati u approvati d-diversi pjanti u d-disinji tas-servizzi varji ta' kull livell tal-binja. Barra minn hekk, tul l-2020, ġew konklużi l-proċessi ta' aġġudikazzjoni tad-diversi offerti għas-sejħiet tal-apparatt mediku kif ukoll dak tal-għamara u tagħmir anċellari. Huwa ppjanatt li dan il-*Hub* jibda jopera għall-aħħar ta' 2021.

(14) *Klinika Komunitarja fil-Belt Valletta* - Matul l-2020 fiċ-ċentru tal-Belt Valletta, bdiet tiġi rinovata Klinika Komunitarja. Ġie konkluż il-proċess ta' aġġudikazzjoni għas-sejħa ta' offerti rigward l-istallazzjoni ta' sistema ta' ventilazzjoni tal-binja.

(15) *Ċentru ġdid fil-Victoria, Għawdex* - tkompla l-proġett tal-konverżjoni ta' binja fi stat ta' ġebel u saqaf f'Ċentru tas-Saħħa ġdid ġewwa Victoria, Għawdex. Ġie konkluż il-proċess ta' aġġudikazzjoni tad-diversi offerti għas-sejħa tal-apparatt mediku, il-lift u l-*Stand-by Generator*, u s-sejħiet għal offerti kemm tal-*Finishes u M & E's*, kif ukoll tal-*Project Management*, tax-xogħlijiet interni. Huwa ppjanatt li dan iċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid jiftaħ għall-publiku għall-aħħar ta' Novembru 2021.

(16) *Iċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-Podoloġija ġewwa Birkirkara* - Matul l-2020, sar xogħol estensiv fejn is-sezzjoni tal-Podjatrija ġewwa iċ-Ċentru Tas-Saħħa ta' Birkirkara ġie skumbrat kompletament biex jinbidel f'Ċentru ta' Eċċellenza fil-Qasam tal-Podjatrija. Huwa proġettat li dan iċ-Ċentru jiftaħ il-bibien tiegħu fl-ewwel kwart tal-2021.

## PROGETTI TAL-INFORMATIKA U T-TELEKOMMUNIKAZZJONI (ICT) MATUL L-2020

### *Electronic Patient Records għall-Primary HealthCare (EPR)*

Il-Primary HealthCare introdotta l-*EPR* maċ-Ċentri tas-Saħħa kollha mil-bidu tal-2020 u b'hekk irnexxielu jkun l-ewwel wieħed biex jikseb b'suċċess l-ewwel sistema elettronika ta' dan it-tip fil-qasam mediku governattiv u b'hekk rebaħ l-eBusiness Award għall-'Aħjar użu Tat-Teknoloġija fit-Trafsormazzjoni tal-*Business*'. Issa qed isiru il-pjanijiet neċessarji biex għas-sena d-dieħla l-EPR tkun integrata mas-sistemi kollha ta' l-isptarijiet ħalli b'hekk inkunu sfruttajna l-benefiċċji kollha tas-sistema. Permess tal-EPR il-PHC irnexxiela tikseb suċċess kbir bl-introduzzjoni tal-proġett tat-Telemedicine Centre.

## SERVIZZI ĠODDA

### *Servizz tal-Fiżjoterapija fil-Kliniċi Komunitarji*

Fil-Klinika Komunitarja ta' Ħ'Attard u dik fil-Fgura ġew miżjuda s-servizzi tal-fiżjoterapija darbtejn fil-ġimgħa. Fil-Klinika Komunitarja ta' Ħal Għaxaq, li ġiet inawgurata f'Novembru, is-servizzi tal-fiżjoterapija se jiġu offruti darba fil-ġimgħa fl-2021. Ta' min ukoll isemmi li waqt il-*peak* tal-pandemija, twasslu sessjonijiet ta' fiżjoterapija virtwali bl-użu tal-Microsoft Teams u bit-telefon.

### *Estiż is-Servizz tal-Ispiżerija tal-Furjana*

Din is-sena l-ispiżerija tal-Furjana bdiet toffri servizz ġdid lit-tobba privati fejn t-tobba setgħu jiġbru l-vaċċini tal-Influwenza mill-ispiżerija għax-xogħol privat tagħhom.

Ukoll din is sena qassamna l-vaċċin tal-influwenza b`mod differenti mis-soltu billi ftaħna il-Kliniċi fil-Komunita` ta` kull lokalita f`Malta biex nagħtu din it-tilqima u b'hekk ersaqna aktar viċin il-poplu. Mill-*Homes*, sptarijiet, entitajiet bħal dipartimenti tal-gvern u privati setgħu jordnaw il-vaċċin tagħhom b`imejl u jiġu jiġbruhom mill-ispiżerija. Dan it-tibdil fis-sistema kien tant suċċess li l-*uptake* tal-vaċċin kien rekord. Sal-lum il-ġurnata tagħjna madwar **180,000** il-vaċċin tal-influwenza.

### *Servizzi Ġodda fis-Saħħa tat-tfal u fis-Servizz Nazzjonali tat-Tilqim*

Servizz ġdid li beda jingħata din is-sena kien l-estensjoni tas-servizzi ta' Saħħa fl-Iskejjel (School Medical Services) għal ġol-iskejjel sekonadrji. Is-servizz ta' Saħħa fl-Iskejjel ġewwa Għawdex fis-sena 2020 ra l-impieg ta' tliet tobba li jaħdmu Għawdex stess u taw dan is-servizz bejniethom ġewwa l-iskejjel.

Is-sena 2020 rat bidliet sinifikanti fil-kwalita' u l-mod kif ingħta s-servizz minħabba fil-pandemija tal-Covid-19. Fil-fatt bejn Marzu u Ġunju kienu twaqqfu is-servizzi kollha ħlief dak tat-tilqim. Il-membri tal-*istaff* kollha marru jagħtu servizz mal-Covid *Response Team* fid-Direttorat tas-Saħħa Pubblika f'dan il-perjodu. Ix-xogħol marbut mas-Servizz tas-Saħħa fl-Iskejjel u l-i*Scoliosis Review Clinic* li kellu jsir waqt dan iż-żmien sar bejn Lulju u Diċembru. Biex isir dan kien hemm bżonn li numru ta' tfal jiġu eżaminati jew imlaqqma fiċ-Ċentri tas-Saħħa flok fl-iskejjel waqt ix-xhur tas-sajf.

Fil-Klinika tal-*Well Baby* din is-sena żidna il-ħin allokat għal kull viżta tat-trabi minn 10 minuti għal 25 minuta. Dan fisser li kellna nżiedu n-numru ta' sessjonijiet fil-ġimgħa biex inlaħħqu mad-domanda.

Nedejna wkoll skema fejn tobba fil-privat setgħu jagħtu tilqim b'xejn lit-trabi skond l-Iskeda Nazzjonali tat-Tilqim. Dan ġiegħel lil ħafna ġenituri jagħżlu li jmorru għand it-tabib tagħhom għall-viżta tat-tarbija u jieħdu t-tilqim fl-istess ħin.

Din is-sena żidna ħafna tilqim fuq l-Iskeda Nazzjonali tat-Tilqim b'xejn. Dan jinkludi l-vaċċini kontra *pneumococcus, meningococcus B, meningococcus ACWY* u l-introduzzjoni tas-6 in 1 flok il-5 in 1.

### *Espansjoni tas-servizz tal-Klinika tal-Eye Screening*

Minn April 2020 is-serviżż tal-Klinika tal-Eye Screening mill-Furjana espandiet għal lokalitajiet oħra. Dan is-serviżż issa wkoll qiegħed jinagħta miċ-Ċentri tas-Saħħa ta' Ħal-Kirkop, Birkirkara u l-Mosta. Fl-2021 nixtiequ niftħu s-serviżż ukoll fiċ-Ċentri tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u eventwalment anke f'dak tal-Gzira.

### *Zviluppi fis-Servizzi tal-Patoloġija tal-Lingwa u d-Diskors – Żvilupp ta' Servizzi 'On-Line'*

L-akbar żvilupp li kellna matul din is-sena kien il-bidu ta' servizzi *on-line*, inkluż servizzi ta' terapija li qed jingħataw b'mod virtwali. B'kollox ingħataw 5,748 sessjoni ta' terapija *on-line*.

## KONKLUŻJONI

Is-sena 2020 kienet sena oħra ta` suċċess kbir għall-Primary HealthCare.  Għalkemm kienet sena diffiċli u iebsa ħafna, ħtafna din l-opportunita' biex dawwarniha f'vantaġġ posittiv, u saħansitra rnexxielna naħżdu l-frott. Dan kien possibbli permezz tas-sistemi ġodda li daħħalna marbuta l-aktar mal-informatika, u d-diterminazzjoni sħiħa tal-ħaddiema kollha tagħna li kienu dejjem lesti biex jilqgħu l-isfidi kollha li l-pandemija COVID-19 ġabet magħha.  Ħdimna bla waqfien sabiex inkunu nistgħu nkompli naqdu dmirna bl-

aħjar mod possibbli u nkomplu noffru servizz f'waqtu u tal-ogħla livell ta' kwalita', kif ukoll inkomplu nersqu aktar qrib tal-klijenti tagħna fil-kommunita' jew viċin tal-post tax-xogħol tagħhom.